MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 454/2008

Kawza fil-lista: 42

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fid-29 ta' Lulju 2006 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Peress illi l-partijiet damu jghixu flimkien sena u ghaxar xhur meta fl-ahhar ta’ Mejju ta’ din is-sena hija kellha ssib shelter Merhba Bik minhabba s-swat li garbet liema swat kien ilu sejjer matul iz-zwieg;

4. Peress li l-konvenut inbidel drastikament minn dakinhar tal-honeymoon u dan meta l-istess konvenut qal lir-rikorrenti li huwa ried li joqghodu mal-group il-hin kollu u mhux wahedhom tant li ghaddew il-honeymoon dejjem fil-kumpanija tal-group;

5. Peress li anke mill-honeymoon meta kellhom x’ jaqsmu sesswalment l-konvenut ghamilha cara mal-attrici li huwa ma riedx li jkollu tfal minnha u matul iz-zmien li l-partijiet li damu flimkien l-partijiet qatt ma kellhom full intercourse minhabba li l-konvenut baqa’ jirrifjuta li jippruvaw ghat-tfal;

6. Peress li l-partijiet ghamlu biss sena jorqdu flimkien ghaliex f’ gheluq is-sena l-konvenuta beda jorqod fuq is-sufan u mhux fis-sodda maghha;

7. Peress li waqt iz-zwieg l-konvenut inbidel mill-lejn ghan-nhar kemm ghal dak li jirrigwarda l-formazzjoni ta’ familja kif ukoll minhabba s-swat li beda xi xahar wara z-zwieg u li kien kostanti tant li kellha tmur Merhba Bik;

8. Peress li waqt iz-zwieg l-konvenut minn wara x-xoghol kien imur kuljum ghand ommu jew ghand in-nannu u kien idum hemm sad-9pm u jmur id-dar jorqod fuq is-sufan.

9. Peress li l-konvenut matul iz-zwieg wera li jekk ir-rikorrenti ma taqbilx mieghu huwa kien jaghmel sensiela ta’ vendikazzjonijiet bhal tkissir ta’ borom, swat, jaqbad lir-rikorrenti bis-saqqu u jwaddabha ma’ l-art, iwahhal il-grease taht il-pum halli r-rikorrenti ccappas idejha u hafna vendikazzjonijiet bhal dawn;

10. Peress li qabel iz-zwieg il-konvenut qatt ma wera ebda sinjal ta’ vjolenza u qatt ma qal lir-rikorrenti li huwa

ma jixtieqx tfal minn dan iz-zwieg ghax kieku hija zgur ma kienetx tizzewgu;

11. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

12. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

13. Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Lulju 2006 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut cahad li n-nullita' taz-zwieg hija dovuta ghar-ragunijiet imputabbli lilu ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-29 ta’ Lulju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet, fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha tieghu, il-konvenut jichad kull responsabbilita’ in propozitu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Lulju 2006 meta allura l-attrici kellha 30 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn u nofs. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta’ sena u tmien xhur il-partijiet isseparaw de facto meta l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret toqghod ghal xi zmien f’ Dar Merhba Bik.  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li matul il-perijodu tan-namur, il-konvenut kien ipprezenta lilu nnifsu bhala persuna akkomodanti hafna, kien kwiet u kien jaccetta kollox ; izda, sa minn dak iz-zmien huwa kien ossessjonat bil-kelb li kellu tar-razza Great Dane li kien jiehdu mieghu kullimkien, u anke meta kien johrog ma’ l-attrici dina kienet tinnota li hu kien izjed mohhu fil-kelb milli fiha.

Wara z-zwieg il-komportament tal-konvenut tbiddel mill-lejl ghan-nhar, u mill-bidu nett taz-zwieg huwa kien beda jkun dominanti fil-konfront ta’ l-attrici, allura martu, aggressiv u vjolenti fizikament. Il-problemi bdew jitfaccaw fil-honeymoon u komplew tul il-konvivenza qasira taghhom. Huwa kien irid  li dejjem taghddi tieghu, ghax altrimenti kien ikun agressiv u vendikattiv. Kien iqatta’ hafna hin barra mid-dar, filwaqt li l-attrici, li kienet tiehu hsieb il-kelb ukoll, kienet toqghod id-dar taghmel il-facendi. Tfal ma riedx, u ghalhekk l-att taz-zwieg dejjm sar bi prekawzzjoni minn naha tieghu.

Illi minhabba dawn il-problemi karatterjali bejn il-partijiet, ir-relazzjonijiet intimi kienu naqsu gradatament, u

eventwalment il-konvenut kien ried jibqa' jorqod fuq is-sufan, nonostante l-insistenza da parti ta' l-attrici sabiex dan jitla' jorqod fis-sodda maghha. Okkazzjonalment kienet tinqala' glieda fuq hekk, u l-attrici tirrakkonta, kif darba minnhom, wara li kienet telghet torqod, kien mar fil-kamra tas-sodda u qalibha bis-saqqu b' kollox.  F' dawn ic-cirkustanzi hija telqet mid-dar konjugali u sabet xelter temporanju fil-fond fuq indikat.

*Verzjoni tal-konvenut*

Illi minn naha tieghu, il-konvenut cahad li hu kien sawwat lill-attrici ; anzi jghid li hu ma kienx irid glied, izda kienet l-attrici li kienet tinsisti li taghmel li trid hi, u li ma kienitx trid tiddiskuti l-problemi ta' bejniethom. Jammetti li tfal ma riedx minhabba s-sitwazzjoni li kienu fiha l-partijiet li kienu jargumentaw kontinwament izda fuq affarijiet zghar.  Jghid ukoll li l-attrici kienet tiehu certu pillola li kellha twaqqafha tlett xhur qabel ma jipprovaw ghat-tfal altrimenti jkun hemm ir-riskju li jkollhom tarbija b' dizabilita', u jghid li dina kienet irrifjutat li tieqaf tehodha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-attrici, anke fuq bazi ta' verosomiljanza, apparti mill-konsiderazzjoni li din il-verzjoni ta' l-attrici ssib konfort, f' certu aspetti taghha, fix-xhieda ta' ommha.

Il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut li, minn komportament tieghu mmedjatament wara z-zwieg, wera li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali in kwantu msejjsa fuq unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.  Il-provi juru li l-komportament tal-konvenut kien ta' ostakolu serju ghal dan, u ta' xkiel sabiex il-partijiet jibnu bejniethom “a community of love and life.”

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.precitat, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Lulju 2006.  L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------